



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
[...] (2013) **XXX** draft

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

**li tagħti deroga lir-Repubblika ta' Malta skont l-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni  
Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li  
tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju**

(It-test bil-Malti biss huwa l-awtentiku)

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

**li tagħti deroga lir-Repubblika ta' Malta skont l-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju**

(It-test bil-Malti biss huwa l-awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju, (RSPP)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba għal deroga li Malta għamlet lill-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2012 u żiedet magħha fis-17 ta' Lulju 2012,

Billi:

- (1) L-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE jeżiġi li l-Istati Membri jwettqu proċess ta' awtorizzazzjoni biex jippermettu l-użu tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi sal-1 ta' Jannar 2013. F'każ li jkun hemm ċirkostanzi nazzjonali jew lokali jew problemi transkonfinali ta' koordinazzjoni ta' frekwenzi li minħabba fihom l-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jressqu applikazzjoni sostanzjata kif dovut għal deroga, sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (2) It-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-użu tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz konformament mad-deroga ma jżommx milli din tkun disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika oħrajn minbarra x-xandir fi Stati Membri ġirien.
- (3) L-użu tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz, li hija mifruxa bejn il-frekwenzi ta' 790MHz u 862MHz ġie armonizzat teknikament mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2010/267/UE dwar il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-medda ta' frekwenzi 790-862 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 li tiffaċilita l-liberazzjoni tad-dividend diġitali fl-Unjoni Ewropea<sup>3</sup> għamlet sejħa biex ix-xandir analoġiku jintefa sal-1 ta' Jannar 2012.
- (4) Il-mekkaniżmu u l-kundizzjonijiet għal deroga potenzjali u l-effetti tagħhom ġew diskussi mal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju fil-5 ta' Lulju, fl-10 ta' Ottubru u fil-5 ta' Diċembru 2012, bis-sostenn tad-dokumenti RSCOM 12-23, 12-36 u 12-57.

<sup>1</sup> ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7.

<sup>2</sup> ĠU L 117, 11.5.2010, p. 95.

<sup>3</sup> ĠU L 308, 24.11.2009, p. 24.

- (5) Bi qbil mat-talba tal-Kummissjoni RSPG 12-420 tat-2 ta' Lulju 2012, il-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG) stabbilixxa grupp ta' ħidma biex jgħin lill-Istati Membri b'kull diffikultà li jirrappurtaw fl-implimentazzjoni li għandha x'taqsam mal-koordinazzjoni transfruntierjali. Dan sar skont l-opinjoni tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju RSPG12-409 tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-proċess għall-għajjnuna tal-UE f'negozjati bilaterali ma' pajjiżi terzi u bejn pajjiżi tal-UE.
- (6) Malta talbet deroga biex tuża l-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz fit-territorju kollu tagħha sal-31 ta' Diċembru 2015.
- (7) Il-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz bħalissa hija ħielsa, ħlief mix-xandir tat-televiżjoni diġitali li juża multiplex fuq il-kanal 66 bejn it-830 u t-838MHz. It-televiżjoni analoga ntfiet fil-31 ta' Ottubru 2011. Malta stqarret li l-kanal 66 huwa meħtieġ għaliex jipprovi televiżjoni diġitali ta' objettiv ta' interess ġenerali, u l-emissjonijiet mill-Italja jagħmlu tfixkil fil-frekwenzi taħt is-790MHz, u għaldaqstant il-kanal ma jistax jittressaq għal fuq dawn il-frekwenzi. In-negozjati mal-Italja għadhom għaddejjin, b'mod partikolari fil-grupp ta' ħidma tal-RSPG dwar il-koordinazzjoni bilaterali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Italja biex ma żżommx lil Malta milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-RSPG.
- (8) Is-sitwazzjoni ta' Malta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE, minħabba li ċ-ċirkostanzi nazzjonali eċċezzjonali u l-problemi transkonfinali ta' koordinazzjoni ta' frekwenzi qegħdin jimpedixxu lil Malta milli tagħmel disponibbli l-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz sal-1 ta' Jannar 2013.
- (9) In-nuqqas ta' disponibbiltà temporanju ta' parti mill-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz ma għandux iżomm lil Malta milli tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-użu tal-ispettru biex tipprovi servizzi tal-komunikazzjoni elettronika skont id-Deċiżjoni Nru 2010/267/UE, jew milli tistabbilixxi l-kriterji għall-proċess tal-għażla u tal-awtorizzazzjoni. Minħabba l-importanza tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz għall-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, Malta għandha teżamina l-possibbiltà li tibda l-proċess ta' awtorizzazzjoni biex tkun tista tintuża parti mill-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz malli din tinħeles, filwaqt li tqis l-użu ta' meded oħra għall-komunikazzjoni mobbli. Malta għandha tiżgura wkoll li l-medda kollha tal-frekwenzi ta' 800MHz tkun tista tintuża malajr kemm jista' jkun wara li jkun tlesta l-proċess ta' koordinazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT).
- (10) Deroga ta' 18-il xahar għandha tkun biżżejjed biex Malta tlesti n-negozjati mal-Italja, biex teħles il-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz, u biex twettaq il-proċess ta' awtorizzazzjoni. Madankollu, jekk jippersistu l-problemi biex jingħeleb it-tfixkil għall-użu tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz, partikolarment jekk tibqa' l-ħtieġa li tintuża l-medda sekondarja ta' 830 sa 838MHz biex ikun żgurat il-forniment tax-xandir tas-servizz pubbliku, Malta tkun tista' titlob li t-tul u l-firxa tad-deroga jiġu addattati b'mod xieraq.
- (11) Jeħtieġ li Malta tiżgura li t-trażmissjonijiet diġitali tagħha fil-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz ma jikkawżawx interferenza fi Stati Membri tal-viċinat. Jista' jinqala' l-bżonn li Malta tikkordina mal-ġirien tagħha kemm fl-UE kif ukoll barra minnha. Kull meta jkollha l-bżonn, Malta għandha titlob l-appoġġ tal-UE skont l-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE, biex issolvi kwistjonijiet ta' koordinazzjoni mal-pajjiżi ġirien tagħha u tgħaġġel id-disponibbiltà tal-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz.

- (12) Il-Kummissjoni għandha tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivverifika l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u, jekk ikun hemm bżonn, ittawwal il-validità ta' kwalunkwe deroga.
- (13) Fit-18 ta' April 2013, Malta nġhatat l-opportunità li turi fehmita dwar l-elementi tad-deċiżjoni proposta, u rressqet l-osservazzjonijiet tagħha fit-30 ta' April 2013.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-deroga mitluba minn Malta fit-3 ta' Mejju 2012 u li ġiet miżjuda fl-17 ta' Lulju 2012 skont l-Artikolu 6(4) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE b'dan hija mogħtija sat-30 ta' Ġunju 2014 soġġett għall-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 2*

Malta għandha twettaq il-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-medda ta' frekwenzi 790 sa 862MHz għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika minbarra x-xandir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014.

*Artikolu 3*

Malta għandha tippermetti l-użu tal-medda ta' frekwenzi 790 sa 862MHz għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika minbarra x-xandir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 4*

Jekk tibqa' tintuża l-medda ta' frekwenzi ta' 800MHz għax-xandir, dan ma għandux jimpedixxi li din il-medda tkun disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li mhumiex xandir fi Stati Membri fil-viċinat.

*Artikolu 5*

Malta għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2013 u dwar l-iżvolġiment tal-kwistjoni mal-Italja dwar l-interferenza sal-31 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*  
*Neelie Kroes*  
*Viċi President*